



Brussell, 29 ta' Mejju 2026  
(OR. en)

8185/26

LIMITE

CORLX 358  
CFSP/PESC 523  
CONOP 19  
CONUN 48  
MAMA 84

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1344  
b'appoġġ għat-tishiĥ tal-effettività operazzjonali tal-Organizzazzjoni għall-  
Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW)

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/...**

**ta' ...**

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1344  
b'appoġġ għat-tisħiħ tal-effettività operazzjonali  
tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Ġunju 2023 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1344<sup>1</sup>, li tikkonċerna l-appoġġ tal-Unjoni fit-tiġħ tal-effettività operazzjonali tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW).
- (2) Fit-13 ta' Marzu 2026, l-OPCW talbet estensjoni mingħajr spejjeż għall-applikazzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/1344 sal-25 ta' Novembru 2026 sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-appoġġ, tal-programmazzjoni u tal-finanzjament tal-Unjoni; u biex jiġu evitati lakuni bejn l-Azzjonijiet tal-Unjoni li jkopru l-appoġġ istituzzjonali għall-OPCW f'sitwazzjoni fejn l-OPCW kellha tipprijoritizza l-emerġenzi li jirriżultaw minn ambjent li qed jevolvi u kwistjonijiet kumplessi dwar is-sigurtà. Dawk l-emerġenzi jinkludu l-bidla eċċezzjonali u mhux antiċipata fil-kuntest politiku u operazzjonali tar-Repubblika Għarbija Sirjana fl-2024, l-identifikazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-Ukrajna ta' 11 000 użu ta' sustanzi kimiċi tossiċi mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fi Frar 2022 u allegazzjonijiet dwar l-użu ta' armi kimiċi bi ksur tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi fil-Gwerra Ċivili tas-Sudan li għaddejjja bħalissa.
- (3) L-estensjoni tippermetti lill-OPCW tiffinalizza l-oġġettivi u l-attivitajiet stabbiliti fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/1344.
- (4) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1344 tiġi emendata kif xieraq,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1344 tas-26 ta' Ġunju 2023 b'appoġġ għat-tiġħ tal-effettività operazzjonali tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) (ĠU L 168, 3.7.2023, p. 27, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1344/oj>).

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/1344, it-terminu “36 xahar” huwa sostitwit bit-terminu “41 xahar.”

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*